MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 31/2013

**AB**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

1. Illi fl-14 ta' Awissu 1987 l-esponenti zzewget lill-intimat Carmel Chircop (vide certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok A) u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied – Sabrina u Massimo – illi llum huma maggorenni;
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u effettwaw separazzjoni legali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali in atti Nutar Dottor Reuben Debono datat 9 ta' Novembru, 2006 (Dok. 'B') li gie modifikat b'att pubbliku iehor in atti Nutar Dottor Robert Micallef datat 17 ta' Marzu, 2008;

3. Illi assolutament m'hemm ebda pendenzi jew kwistjonijiet bejn il-partijiet ta' kwalsijasi natura;
4. Illi l-esponenti ddiskutiet mal-avukat taghha Dr Chris Cilia LL.D. il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u inghata minghand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin (vide dikjarazzjoni hawn annessa bhala Dok 'D') u kkonkluda li m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni;
5. Illi issa ghaddew ben oltre 4 snin mid-data tas-separazzjoni u m'hemm assolutament ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skond il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara illi z-zwieg taghha mal-intimat Carmel Chircop hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi annotat u registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Jannar, 2013;

Rat illi r-rikorrenti kkonfermat ir-rikors bil-gurament taghha;

Rat illi l-intimat debitament notifikata ma deherx u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Novembru 2006;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi hija ipprovat wkoll illi m’hemm l-ebda pendenza fir-rigward tal-manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------